Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Numru. 79/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Manuel Xiberras ta’ 18 sena, bin Joseph u Tessie nee’ Borg, imwieled Rabat, nhar it-2 ta’ Jannar, 1990, residenti fil-fond numru St Rita, Triq in-Naggar, Xewkija u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 5190(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Manuel Xiberras li gie akkuzat talli talli fix-Xewkija f’inhawi maghrufa bhala tal-Barmil, gewwa dawn il-Gzejjer, nhar il-24 ta’ Ottubru, 2008 ghal habta tal-hamsa ta’ wara nofsinhar (17:00hrs);


Qrati tal-Gustizzja

a) Ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha w sittin centezmu (€1164.69) detriment tal-Pulizija Esekuttiva;
b) Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi waqt stagun miftuh ghat-tehid tal-ghasafar, tal-ghana, prova jonsob jew ha minghajr ma ghandu licenzja ghat-tehid tal-ghasafar mahruga f'ismu minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u tal-MEPA;
c) Fl-istess data, hin, cirkuntanzi u fis-sentejn ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda kkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza apparat elettriku jew elettroniku (pre-recorded bird-caller), billi uza tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tal-artikolu 7(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006;
d) Ukoll talli fl-istess data, hin, cirkostanzi u fis-sentejn ta' qabel, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda zamm apparat elettriku jew elettroniku (pre-recorded bird-caller) li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-sub-regolament 7(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Avviz legali 79 tal-2006;

F'kaz ta' htija l-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tikkonfiska il-*corpus delicti*, kif ukoll tapplika multa, ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzja jew permess ghall-perjodu ta' mhux inqas minn sena u dan hekk kif hemm fl-artikolu 27(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat bl-Avviz Legali 39 tal-2007;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta' Dicembru, 2008;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara illi l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jikkunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-provi migjuba quddiem il-Qorti u fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula, il-fedina penali nadifa u l-fatt illi l-imputat hallas id-danni kagjonati minnu lill-Kummissarju tal-Pulizija;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17 (h), 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, 7 (1) (d), 17 (2) tal-Avviz Legali 79/2006, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum. Inoltre tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn u hamsin ewro (€250);

Il-Qorti qeghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ zmien li jkun qieghed taht zmien kundizzjonat;

Il-Qorti qed tordna l-konfiska tad-dokumenti minn ‘LG 1’ sa ‘LG 4’.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------